MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2242/2003

**Walter Camilleri u martu Helen Camilleri**

**Vs**

**Franklyn Zahra**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru 2003 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm634.97 (sitt mija u erba` u tletin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) dovuti ghal danni kagunati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh fil-Gzira fit-12 ta' Dicembru 2002 bejn il-karozza nru IAP 141 misjuqa mill-konvenut u l-karozza nru IAS 056 misjuqa mill-attur u kkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi in linea ta' danni Lm634.97.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104 u bl-ispejjez ta’ Lm11.50 ghal ittra u konsult u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda gara unikament htija ta’ l-istess attur Walter Camilleri.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalukwe kaz u bla pregudizzju ghall-permess, l-attur ghandu jgib il-prova tad-danni skond il-ligi.
3. In oltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ danni favur l-attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi jirrikorri stat ta’ fatt fejn jeziztu zewg versjonijiet konfortati minn zewg persuni fuq kull naha.

L-attur u l-mara tieghu jallegaw li kif kienu wieqfa biex iduru lejn il-lemin, gie l-konvenut minn wara u taghhom daqqa fuq il-lemin. Da parti tieghu, is-sewwieq u l-passiggier tieghu jallegaw li l-attur qala min parkegg fuq ix-xellug qasam fuq il-lemin, gie biex idur u dahal go fih.

Iz-zewg versjonijiet kontrapposti ghal xulxin jaghtu lok ghal interpretazzjoni ta’ verosimilita` da parti tat-Tribunal.

Ma jistax ikun hemm daqshekk divergenza fil-versjoni ta’ fatti li jikkomponi incident wiehed.

Illi dan ix-xenarju huwa impellenti li t-Tribunal jirreferi ghal versjoni moghtija ‘a tempo vergine’ lil pulizija. Dina tinsab rappurtata sia fir-rapport preparat mill-istess Pulizija u sia kif rizultanti u moghtija mill-Pulizija seduta stante. La l-attur u wisq anqas l-istess konvenut ma irreferew lil pulizija li l-attur qala` mill-parkegg biex idur. Fatt inkwitanti

bhal dan zgur kellha jigi ndikat lil Pulizija mill-istess konvenut aktar in punctorum tempon’s.

Veru li manuvra li ried jaghmel l-attur mhux konsiljata pero` mhux projbita ghalkemm effetivament giet sussegwentament projbita.

Jigi rilevat li l-kawza prossima tal-incident kien in-nuqqas tal-konvenut li jzomm ‘a proper look-out’ ghal dak li kien qed jigri quddiemu kif ukoll in-nuqqas ta` ‘safe distance’ mill-vettura ta’ quddiemu. Ibbrejkja tard wisq biex seta` jevitah.

Una volta, stabbilit dan, anke mill-lat ta’ hsara lill-vetturi, id-daqqiet jikkombaccjaw ma din il-versjoni. Il-vettura tal-attur tistenna skuntrata, u daqqa fil-vettura tal-konvenut fuq quddiem lemin relattivament ghad-danni, dan ma gewx kontestati u qed jigu abbordati.

Jiddeeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta’ Lm634.94 bl-ispejjez u interventi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------